**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 22 ta' Settembru, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Christopher Scerri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christopher Scerri detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 419778M

1. Akkuzat talli fl-10 ta' Awwissu 2016, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (09:30pm), gewwa San Giljan, Tas-Sliema u bnadi ohra gewwa l-Gzejjer Maltin naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja, Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LLD nhar is-06

ta' Settembru 2010, b' digriet iehor li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LLD nhar it-03 ta' Novembru 2014 u b' digriet iehor mill-Qorti Kriminali, Imhallef Antonio Mizzi nhar l-20 ta' Dicembru 2013;

2. Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka z-zewg digrieti ta' helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Christopher Scerri u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' €1000 bhala depozitu u s-somma ta' €15,000 bhala garanzija personali li ghandu imposti fuqu fid-digriet moghti mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LLD datat nhar is-6 ta' Settembru 2010, kif ukoll is-somma ta' €23,000 bhala depozitu u s-somma ta' €30,000 bhala garanzija personali li ghandu imposti fuqu fid-digriet moghti mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LLD datat it-3 ta' Novembru 2014 u is-somma ta' €10,000 bhala depozitu u s-somma ta' €20,000 bhala garanzija personali li ghandu imposti fuqu fid-digriet moghti mill-Hon Imhallef Antonio Mizzi datat l-20 ta' Dicembru 2013, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta hekk kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghat il-provi u rat id-dokumenti esebiti.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-10 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ta' 21.45 hrs l-imputat Christopher Scerri gie mwaqqaf mill-pulizija

tar-Rapid Intervention Unit (PC 918 u PC1372) fi Triq Regjonali, San Giljan wara l-hin tar-rinkazar impost fuqu fit-tlett digrieti ghal-helsien mill-arrest indikati fic-charge sheet. Huwa kien qed isuq il-vettura tal-marka Pajero bin-numru tar-registrazzjoni EBO 939 u mieghu fil-vettura kien hemm is-siehba tieghu Muriel Micallef, kopja hbieb Sandro u Dolores Cauchi, zewgt itfal u kelb. Meta hareg mill-vettura l-imputat rema' pakkett zghir b' sustanza kannella fih li gie debitament elevat u meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat instab pakkett iehor zghir b' sustanza kannella fil-but. L-imputat gie arrestat u nterrogat fejn irrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 23 sa 24 fejn huwa ghazel li jezercita d-dritt li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li saritlu salv li ghamel riferenza ghal certifikat mediku datat 5 ta' Lulju 2016 (Dok. CS1 inserit a folio 57 tal-atti processwali) rilaxxjat mill-Psikjatra kuranti tieghu Dr. Joseph Spiteri fejn hemm indikat li huwa gieli jkollu panic attacks "which may require him to go out of doors". Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Keith Arnaud[1] jirrizulta li fit-30 ta' Lulju 2016 huwa kien baghat ghall-imputat sabiex ikellmu stante li rrizultalu li dan kien qed imur jiffirma fl-Ghassa tal-Imsida qabel it-8.00am u cioe' qabel il-hin li huwa seta' johrog mid-dar skond id-digrieti tal-helsien mil-arrest. F' dik l-okkazzjoni l-imputat kien irrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 21 u 22 fejn huwa wkoll kien irrefera ghac-certifikat mediku tal-5 ta' Lulju 2016 rigwardanti l-panic attacks u l-bzonn li huwa johrog mid-dar. F' dik l-okkazzjoni l-Ispettur Keith Arnaud kien avzah li f' kaz li huwa jkollu dawn il-panic attacks u jhoss il-htiega li johrog barra mid-dar wara l-hin ta' rinkazar huwa kellu jinforma lill-Pulizija. Huwa ssuggerielu wkoll li jkellem l-avukat sabiex isir rikors fejn jigi prezentat ic-certifikat mediku in dizamina u tintalab il-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-bail abbazi tal-kontenut tal-imsemmi certifikat mediku. F' dik l-okkazzjoni l-imputat ma tressaqx il-Qorti b' akkuzi ta' ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest izda nonostante dak li ntqal lilu mill-Ispettur Arnaud huwa ma ntavola ebda rikors b' talba sabiex ivarja l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.

[1] Vide xhieda a fol. 15 et sequitur.

Illi veri kopji tad-digrieti relattivi ghall-helsien mil-arrest jinsabu nseriti a fol. 25 sa 30 tal-atti processwali u minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-imputat kellu jirrinkaza sad-9pm skond id-digrieti tal-20 ta' Dicembru 2013 u tas-6 ta' Settembru 2010 u sat-8.30pm skond id-digriet tat-3 ta' Novembru 2014. In vista tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-imputat kien qieghed barra minn daru u precizament f' San Giljan bejn id-9.30pm u 9.45pm din il-Qorti tirritjeni li huwa ampjament pruvat li huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz tad-digrieti ghall-helsien mill-arrest appena citati.

Illi din il-Qorti jidrilha li r-raguni moghtija mill-imputat rigwardanti l-panic attacks u l-bzonn li huwa johrog mid-dar m' hijiex accettabli bhala skuzanti ghan-nuqqas tieghu li jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti fuqu minn dawn il-Qrati ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta c-certifikat mediku in kwistjoni u semghat b' attenzjoni kbira ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri li xehed waqt l-udjenza tal-22 ta' Awwissu 2016 u setghat tikkonkludi li meta l-imputat jaqbduh il-panic attacks huwa bizzejjed li huwa johrog mid-dar sakemm jikkalma u jirrilassa u assolutament ma hemmx il-htiega li huwa jirkeb u jsuq il-karozza sabiex jallontana ruhu minn daru. Kif ben tajjeb irrilevat il-Prosekuzzjoni l-imputat jghix ix-Xatt tal-Imsida u ghalhekk li jekk jaqsam it-triq u jpoggi bilqeghda fuq bank hdejn il-bahar huwa rimedju sufficjenti sabiex jikkalma u jirrilassa.

Illi din il-Qorti setghat tikkonstata li l-imputat ottjena c-certifikat mediku fil-bidu nett tax-xahar ta' Lulju 2016 izda nonostante li fit-30 ta' Lulju 2016 huwa gie nfurmat mill-Ispettur Keith Arnaud li huwa kellu jitlob lill-Qorti permezz ta' rikors il-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u jipprezenta l-istess certifikat mediku jew ghall-anqas jinforma lill-Pulizija li huwa kien ser johrog wara l-hin ta' rinkazar minhabba xi panic attack li seta' jaqbdu, huwa m'

ghamel xejn minn dan. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Prosekuzzjoni li l-imputat konvenjentement ghazel li juza c-certifikat mediku fl-evenjenza li huwa jinqabad barra wara l-hinijiet ta' rinkazar. Irid jigi inoltre rilevat li mill-provi minn imkien ma jirrizulta li f' xi hin immedjatament wara li gie mwaqqaf l-imputat semma xi haga lill-Pulizija tal-RIU li huwa kien hareg ghaliex kellu panic attack. Inoltre din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif xi hadd li qed ibati minn panic attack jaghzel proprju li jmur f' karozza b' hames min nies ohra fiha oltre kelb u jmur Paceville jew San Giljan fejn wiehed jista' jiddeskrivi l-ambjent kollox hlief rilassanti u trankwill.

Illi din il-Qorti jidrilha li f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha ggib l-ahjar provi u dan permezz tal-veri kopji tad-digrieti ghall-helsien mil-arrest, permezz tax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u permezz tax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija tal-RIU li waqfu u identifikaw lill-imputat, li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet ghal-helsien mil-arrest imposti fuqu minn dawn il-Qrati. Illi din il-Qorti m' jidriliex li n-nuqqas tal-imputat li jaderixxi mal-kundizzjonijiet ta' rinkazar impost fuqu permezz ta' tlett digrieti ta' ghoti tal-helsien mill-arrest jista' jitqies bhala nuqqas ta' importanza zghira skond kif jipprovdi il-proviso ghas-subinciz (1) tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 579(1)(2) u (3) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Christopher Scerri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija. Il-Qorti inoltre tirrevoka l-ghoti tal-helsien mill-arrest moghti permezz tad-digrieti tas-6 ta' Settembru, 2010, tat-3 ta' Novembru, 2014, fl-20 ta' Dicembru, 2013 u ghalhekk tordna r-riarrest b' effett immedjat tal-imputat u tordna li d-depozitu ta' Elf Ewro (€1000) u l-garanzija personali ta' hmistax –il Elf ewro (€15,000) mposti fuqu fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit fis-6 ta' Settembru, 2010, id-depozitu ta' tlieta u ghoxrin elf

ewro (€23,000) u l-garanzija personali ta' tletin elf Ewro (€30,000) mposti fuqu fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr Josette Demicoli fit-3 ta' Novembru, 2014 u d-depozitu ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u l-garanzija personali ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) mposti fuqu mill-Imhallef Antonio Mizzi fl-20 ta' Dicembru, 2013 jghaddu kollha favur il-Gvern ta' Malta.

**MAGISTRAT**